



Brussell, 18 ta' Settembru 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0256(NLE)

10787/1/20
REV 1

LIMITE

JAI 700
FREMP 70
FRONT 241
MI 329
SAN 308
TRANS 394
IPCR 26

NOTA

minn:	Presidenza
fi:	18 ta' Settembru 2020
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rapport ta' progress dwar il-COVID-19 - koordinazzjoni tal-UE

I. Introduzzjoni

Il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat emerġenza tas-saħħa mingħajr preċedent madwar id-dinja. Il-protezzjoni tas-saħħa pubblika saret prijorità prevalenti kemm għall-UE kif ukoll għall-Istati Membri tagħha. Biex jillimitaw it-tixrid tal-virus, l-Istati Membri adottaw diversi miżuri ta' rispons, kemm skont is-sitwazzjoni epidemjoloġika domestika tagħhom kif ukoll skont fatturi oħra, inkluż kunsiderazzjonijiet ekonomiċi. Xi miżuri wasslu għal restrizzjonijiet fuq il-moviment transkonfinali ta' oġġetti, persuni u servizzi. Iċ-ċittadini ħassewh l-impatt fuq id-dritt tagħhom li jiċċaqalqu liberament fl-Unjoni Ewropea kollha fil-forma ta' restrizzjonijiet fuq id-dħul ta' Stati Membri oħra jew ta' rekwiżiti speċifiċi oħra (bħall-kwarantina jew l-ittestjar).

Tibqa' r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru li jadotta l-miżuri li jqis xierqa għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika. Madankollu, huwa meħtieġ approċċ ikkoordinat sabiex jiġi limitat it-tixrid tal-virus filwaqt li fl-istess ħin jinżammu għall-minimu meħtieġ ir-restrizzjonijiet għall-moviment liberu tal-persuni u l-merkanzija.

F'dan il-kuntest, il-Presidenza stiednet lill-Istati Membri biex jaħdmu flimkien lejn it-tiġid tal-koordinazzjoni tal-UE fir-rigward tal-pandemija tal-COVID-19. Dan ir-rapport jiġbor fil-qosor l-eżitu tad-diskussjonijiet li saru s'issa u jindika l-isfidi li jistħoqqilhom aktar diskussjoni.

II. Eżitu tad-diskussjonijiet

Fit-2 ta' Settembru, il-Presidenza ppreżentat l-approċċ tagħha sabiex issib modi kif tappoġġa l-azzjoni kkoordinata tal-UE li qed issir. Il-Presidenza ssuġġeriet approċċ "pass pass" billi ddiskutiet serje ta' suġġetti inkwistjoni. Il-Presidenza identifikat l-"elementi varjabbli ta' aġġustament" li ġejjin: 1) Data, 2) Kriterji, 3) Valutazzjoni u deżinjazzjoni taż-żoni ta' riskju, 4) Miżuri u 5) Komunikazzjoni. Dan l-approċċ irċieva appoġġ fil-Coreper u d-diskussjonijiet dwar is-suġġetti differenti tnedew fir-Round Table tal-IPCR nhar it-Tnejn 7 ta' Settembru.

Fl-4 ta' Settembru, il-Kummissjoni adottat proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill għal approċċ koordinat għar-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu. Bil-proposta, il-Kummissjoni għandha l-għan li tiżgura li dawn jiġu applikati b'mod ikkoordinat mill-Istati Membri u b'hekk jiżguraw in-nondiskriminazzjoni, it-trasparenza u l-prevedibbiltà għaċ-ċittadini u n-negozji.

Wara diskussjonijiet f'Vidjokonferenza Informali tal-Ministri għas-Saħħa fl-4 ta' Settembru, fir-Round Table tal-IPCR fis-7, l-10, l-14 u s-17 ta' Settembru, fil-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa fl-10 ta' Settembru, fil-Coreper fil-11 u t-18 ta' Settembru, u abbażi tal-kontribut tal-Istati Membri, il-Presidenza tqis li hemm appoġġ wiesa' mill-Istati Membri dwar l-elementi li ġejjin, filwaqt li tinnota serje ta' suġġetti li għad iridu jiġu diskussi:

1. L-ECDC ser jintalab jipprovdi sett ta' data komprensiv tal-indikaturi ewlenin li ġejjin fuq bażi ta' kull ġimgħa:

- i) ir-rata ta' notifika ta' 14-il jum ta' każijiet ġodda għal kull 100,000 abitant;
- ii) ir-rata tal-ittestjar għal kull 100,000 abitant;
- iii) ir-rata ta' testijiet b'riżultat pożittiv.

Barra minn hekk, l-ECDC ser jiġi mistieden jipprovdi data dwar id-daqs tal-popolazzjoni, ir-rata ta' rikoveru l-isptar, ir-rata ta' ammissjoni fl-ICU u r-rata ta' mortalità, jekk disponibbli, fuq bażi ta' kull ġimgħa.

Id-dettalji ta' viżwalizzazzjoni possibbli tat-tliet indikaturi ewlenin f'mappa waħda komprensiva għad iridu jiġu miftiehma. Sakemm jintlaħaq dan il-ftehim, l-ECDC ser jiġi mistieden jipprovdi mappa separata għal kull indikatur li jikkontribwixxi għall-mappa komprensiva: ir-rata ta' notifika ta' 14 jum f'livell reġjonali kif ukoll ir-rati tal-ittestjar u r-rati ta' testijiet b'riżultat pożittiv f'livell nazzjonali.

Diversi Stati Membri kienu enfasizzaw l-importanza li tiġi pprovduta data reġjonali dwar indikaturi differenti lill-ECDC. Il-Presidenza għalhekk biġisiebha tkompli d-diskussjonijiet dwar din il-kwistjoni bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni sodisfaċenti.

L-Istati Membri huma mitluba jipprovdu regolarment id-data rilevanti lill-ECDC.

2. F'termini ta' komunikazzjoni/kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u komunikazzjoni lill-pubbliku, hemm kunsens li dan għandu jseħħ b'mod ċar u f'waqt.

B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-pubbliku u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kmieni kemm jista' jkun qabel ma jidħlu fis-seħħ miżuri ġenerali ġodda. Bħala regola ġenerali, din l-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata 24 siegħa qabel ma l-miżuri jidħlu fis-seħħ, b'kont meħud tal-hteġa ta' xi flessibbiltà għal emerġenzi epidemjoloġiċi. Fid-diskussjonijiet, l-Istati Membri appoġġaw l-idea li sistematikament jużaw is-sit web "Re-open EU" għal finijiet ta' komunikazzjoni pubblika.

3. Meta l-miżuri ta' Stat Membru jaffettwaw Stat Membru ieħor (eż. dikjarazzjoni ta' żona ta' riskju), l-Istat Membru inkwistjoni għandu l-ewwel jiġi infurmat, qabel il-pubblikazzjoni. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-kooperazzjoni transkonfinali. Il-pubbliku u l-partijiet ikkonċernati rilevanti għandhom, sa fejn ikun possibbli, jiġu infurmati qabel ma l-miżura tidħol fis-seħħ.
4. L-Istati Membri ser jiddependu fuq is-sett ta' data u mapep kondiviżi msemija hawn fuq għall-valutazzjoni tar-riskju epidemjoloġiku madwar l-Unjoni Ewropea, filwaqt li jżommu l-flessibbiltà għal valutazzjoni nazzjonali addizzjonali. Jeħtieġ li jitkomplew id-diskussjonijiet dwar il-modalità eżatta tal-valutazzjoni tar-riskju.
5. Id-diskussjonijiet dwar valutazzjoni konġunta tar-riskju u dwar miżuri komuni possibbli jidhru li huma partikolarment sensittivi. L-Istati Membri kkonfermaw ir-rieda ġenerali tagħhom li jikkooperaw filwaqt li enfasizzaw ir-responsabbiltajiet tal-gvernijiet nazzjonali għal kwistjonijiet relatati mas-saħħa pubblika. Tajjeb li ssir ħidma għal katalogu possibbli ta' miżuri komuni. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil miżuri li wrew li kienu ta' suċċess f'ċerti Stati Membri, pereżempju l-Formoli ta' Lokalizzazzjoni tal-Passiġġieri (PLF).

III. Passi li jmiss

Il-Presidenza tinsab lesta li tintensifika l-isforzi tagħha ta' koordinazzjoni u thegheġ lill-Istati Membri biex jieħdu l-impenn li jsibu bażi komuni bħala kwistjoni ta' urġenza bil-ħsieb li jaqblu dwar sett ta' miżuri komuni li għandu jkun għall-benefiċċju, l-aktar u qabel kollox, taċ-ċittadini u jagħti kredibbiltà lill-Unjoni f'dawn iż-żminijiet diffiċli.

Filwaqt li tirrispetta t-teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali, il-kooperazzjoni dwar aspetti speċifiċi, bħal qafas komuni għat-tul tal-kwarantana, kriterji komparabbli tal-ittestjar u rikonoxximent reċiproku tar-risultati tat-testijiet, toffri ċarezza u prevedibbiltà lill-partijiet ikkonċernati u liċ-ċittadini kollha. Il-Presidenza tistieden lill-Istati Membri biex jimpenjaw ruħhom għal dawn l-għanijiet u biex jipprovdu l-fehmiet tagħhom dwar suġġetti fejn hija meħtieġa aktar konverġenza.

Jekk l-Istati Membri jaqblu ma' dan l-approċċ, il-Presidenza biħsiebha taħdem b'mod intensiv fil-Kunsill fil-ġimgħat li ġejjin bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar rakkomandazzjoni tal-Kunsill.